

# Il-Kwadru ta' San Ġużepp
## *fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Għaxaq*

Rosario Mizzi B. Sc. (Hons.) Comm. Ther.

## Introduzzjoni

L-artal ta' San Ġużepp jinsab fil-korsija tal-knisja parrokkjali. It-titular ta' dan l-artal huwa kwadru tas-seklu tmintax, imżejjen bi prospettiva skolpita fil-ġebla Maltija. Min jaf kemm-il darba għaddejna minn quddiem dan il-kwadru, jew anke poġġejna quddiemu, u forsi ftit tajna kas tal-valur artistiku ta' dan il-kwadru. F'dan l-artiklu se naghtu ħarsa iktar fid-dettall lejn il-kwadru ta' San Ġużepp. Se nħarsu kemm lejn l-istil tal-pittura kif ukoll lejn l-ikonografija ta' dan il-kwadru, li ilu meqjum fil-knisja parrokkjali għal dawn l-aħħar 250 sena.

## F'Liema Żmien Sar il-Kwadru?

Il-kwadru jidher li hu xogħol ta' artist Malti tas-seklu tmintax. Fuq in-naħa ta' isfel tal-kwadru, fuq il-blat, tidher impittra d-data 1750. Meta wieħed iħares lejn id-dati li jidhru fuq il-kwadri titulari ta' l-artali l-oħra tal-knisja, wieħed jinnota li dawn kollha tpittru bejn is-snin 1740 u 1775. Hawn taħt qed inġib id-dati li jidhru fuq il-kwadri:

| | |
|---|---|
| It-Titular ta' Santa Marija | 1745 |
| L-Annunzjata | 1744 |
| L-Agunija | id-data ma tidhirx |
| San Ġużepp | 1750 |
| Il-Madonna tal-Karmnu | 1765 |
| Il-Kunċizzjoni | 1775 |
| It-Trinità | 1759 |
| Il-Madonna tar-Rużarju | 1748 |
| Sant'Anna | 1741 |

F'dan il-perjodu l-knisja parrokkjali tal-lum kienet għadha qed tinbena (1733-1760).[1] Ħaġa oħra interessanti hi li d-data 1750, li tidher impittra fuq il-kwadru, tikkonċiedi eżatt mad-data tat-twaqqif tal-Fratellanza ta' San Ġużepp fil-parroċċa ta' Ħal Għaxaq. Il-fratellanza ġiet imwaqqfa mill-Isqof Bartolomeo Rull fit-2 ta' Diċembru 1750.[2]

## Min Pitter il-Kwadru ta' San Ġużepp?

L-awtur tal-kwadru ħallielna d-data, però ma tidhirx firma. Informazzjoni eżatta fuq min pitter il-kwadru għad m'għandniex. Però, meta wieħed iħares lejn l-istil artistiku tal-kwadru, u ż-żmien li fih tpitter, isib ruħu quddiem żewġ artisti Maltin kbar tas-seklu tmintax – Francesco Vincenzo Zahra (1710-1773) u Gian Nicola Buhagiar (1698-1752).

Dawn iż-żewġ artisti ħadmu fl-istess perjodu. Għalkemm kienu rivali fl-arti, kienu wkoll ħbieb kbar. In-nisa rispettivi tagħhom kienu jiġu minn xulxin. Buhagiar kien ħdax-il sena ikbar minn Francesco Zahra u mhux eskluż li għal xi żmien Zahra kien jaħdem fil-bottega ta' Buhagiar. Żgur li l-istil tagħhom jixxiebaħ ħafna u kultant wieħed isib diffikultà jiddistingwi bejn xogħlijiet tagħhom.[3]

Skond it-tradizzjoni orali, il-kwadru ta' San Ġużepp huwa xogħol ta' Francesco Zahra, bħal bqija tal-kwadri l-oħra. Li l-kwadri huma ta' l-istess id ma jidhirx li hemm dubju. L-uniku eċċezzjoni huwa l-kwadru tal-Kunċizzjoni li jidher differenti kemm fid-disinn kif ukoll fl-iskala tal-kuluri li ntużaw. Barra minn hekk, dan il-kwadru juri d-data 1775. Din id-data teskludi kemm lil Buhagiar kif ukoll lil Zahra, peress li kienu diġà mietu, u għalhekk x'aktarx li hu xogħol ta' xi artist ieħor li studja x-xogħlijiet tagħhom.

Il-kwadri l-oħra, inkluż dak ta' San Ġużepp, għandhom ħafna affarijiet komuni. L-iskala tal-kuluri hija l-istess u kollha fihom ftit kuntrast ta' dlam u dawl. Xi figuri huma wkoll komuni. Il-Madonna (li tidher fil-kwadri kollha barra dak tat-Trinità) tidher dejjem liebsa l-istess ilbies. Il-Missier Etern fil-kwadri ta' San Ġużepp u ta' l-Agunija jixxiebħu ħafna kif ukoll hemm xebħ mal-Missier Etern fil-kwadru titulari ta' Santa Marija. Wieħed jinnota xebħ ukoll fil-kompożizzjnijiet tal-kwadri.

Induru lura għall-awtur. Jekk inħarsu lejn is-sena 1750, wieħed jista' jikkonsidra kemm lil Zahra kif ukoll lil Buhagiar. Però jekk naraw id-dati tal-kwadri kollha, Buhagiar ma setax pitter il-kwadri tat-Trinità u tal-Karmnu għax kien diġà mejjet. Però 'l Buhagiar ma nistgħux inwarrbuh kompletament, peress li mhux l-ewwel darba li Zahra u Buhagiar ħadmu fl-istess knisja fl-istess żmien. Eżempju hija l-knisja arċipretali taż-Żejtun fejn fl-istess żmien Buhagiar pitter l-arzella tal-keppellun ta' l-Agunija (1739) u Zahra pitter l-arzella tal-kappellun tar-Rużarju (1740).[4]

Fattur li jqarribna iktar lejn Zahra bħala l-awtur tal-kwadru ta' San Ġużepp huwa meta nqabblu l-kwadru ta' San Ġużepp ma' kwadri oħra. Jekk inqabbluh ma' żewġ kwadri ta' l-istess suġġett; dak tas-Sagra Familja fil-kolleġġjata ta' San Pawl fir-Rabat u l-kwadru tas-Sagra

Familja fil-knisja parrokkjali ta' l-Annunzjata f'Ħal Tarxien, naraw diversi similaritajiet. Naraw xebħ fil-kuluri, fid-disinn tal-panneġġi u figuri, kif ukoll xebħ fil-kompożizzjonijiet. Fit-tliet kwadri, San Ġużepp dejjem jidher bħala raġel xiħ bil-Bambin f'idejh. Ħaġa oħra li taqbel hi l-figura tal-Madonna fejn fit-tliet kwadri tidher qiegħda taqra ktieb u kważi ta' Ħal Għaxaq u tar-Rabat huma fl-istess pożizzjoni. Figura oħra li nistgħu nqabblu hi l-figura ta' l-anġlu li wieħed jista' jxebbaħ ma' Anġlu kustodju ieħor li Zahra pitter għall-knisja parrokkjali tas-Salvatur f'Ħal Lija.



L-aħħar punt li jqarribna lejn Zahra ġej mill-istorja ta' ħajtu. Studjużi ta' l-istorja jgħidulna li Zahra mhux biss kien pittur, imma wkoll skultur speċjalment fil-bidu tal-karriera tiegħu. Ġieli ġie mitlub jagħmel disinni għal skultura fil-knejjes, kif ukoll isegwi xogħol ta' skultura.[5] Meta wieħed iqabbel il-Missier Etern fil-kwadru ta' San Ġużepp ma' dak li jidher fil-prospettiva tal-kappellun ta' l-Agunija fil-knisja ta' Ħal Għaxaq, wieħed jinnota xebħ kbir (anke fl-anġli tal-madwar). Żgur li dawn saru fuq xulxin u waħda affetwat lill-oħra. Sfortunatament l-unika data li għandna f'idejna hi dik tal-kwadru 1750 u m'għandniex informazzjoni fuq l-iskultura. Għalhekk ma nistgħux ngħidu liema saret l-ewwel. Però, minn din l-osservazzjoni nistgħu nassumu li Zahra mhux biss pitter il-kwadri, imma wkoll seta' kien involut b'xi mod fl-iskultura sabiħa li żżejjen l-artali kollha. Ovvjament dawn huma biss osservazzjonijiet, li wieħed għandu jikkonsidra biex isir iktar studju.

## L-Ikonografija tal-Kwadru: ir-Rappreżentazzjonijiet fil-Kwadru

Il-kwadru huwa maqsum f'żewġ partijiet. Fin-naħa ta' isfel għandna l-figuri tal-familja mqaddsa u rappreżentazzjoni ta' l-anġlu kustodju. Fin-naħa ta' fuq għandna s-sema miftuħ, qalb is-sħab tiddomina l-figura tal-Missier Etern mdawwar bi glorja ta' anġli. Il-kwadru huwa ddominat mill-figura ta' San Ġużepp. San Ġużepp huwa rrappreżentat bħala raġel xwejjaħ bil-bastun iwarrad u bit-tarbija Ġesù f'idu. Din il-figurazzjoni ta' San Ġużepp kienet komuni ħafna fl-arti ta' l-ewwel sekli u baqgħet tintuża matul iż-żmien. Din il-figura hija l-immaġini li jagħtuna l-Evanġelji Ipokrifi. Madwar il-figura ta' San Ġużepp jidher il-ġilju li jfisser is-safa tal-qaddis u ma' l-art jidhru diversi għodod ta' mastrudaxxa. Dan juri l-qima ta' San Ġużepp bħala l-ħaddiem hija bikrija ħafna u tmur lura ħafna iktar mill-1955 meta ġiet ipproklamata solennement mill-Papa Piju XII. Fuq in-naħa tal-lemin ta' San Ġużepp tidher il-Verġni Marija, tqalleb ktieb. Fis-simboliżmu ta' l-arti tas-sekli erbatax sat-tmintax il-ktieb huwa simbolu ta' l-Għerf u l-Madonna kemm-il darba tidher bil-ktieb f'idejha jew ħdejha.

Fuq ix-xellug ta' San Ġużepp jidher anġlu, bi tfajjel żgħir f'ħoġru. L-anġlu jidher qiegħed juri b'subajh 'il Ġesù Bambin lit-tfajjel. Fuq dan l-anġlu għandna żewġ tifsiriet. Hemm min jassoċja l-figura ta' l-anġlu mal-Knisja li qiegħda turi lil uliedha l-kobor ta' Alla li sar bniedem biex isalvana. Teorija oħra hi li dan l-anġlu mhu ħadd ħlief l-anġlu kustodju. Il-kult ta' l-anġlu kustodju kien ilu marbut ma' l-artal ta' San Ġużepp minn żmien l-ewwel knisja parrokkjali u fl-1693 kien hemm diġà figura ta' l-anġli kustodji fil-kwadru ta' l-artal ta' San Ġużepp.[6] Għandna referenza għal din id-devozzjoni anke fit-tieni knisja parrokkjali u baqgħet teżisti anke wara l-bini tal-knisja parrokkjali li għandna llum. Fi żmien li sar il-kwadru, jiġifieri 1750, din id-devozzjoni kienet ħajja ħafna tant li kienet issir festa f'ġieħ l-anġli kustodji f'Novembru.[7] Għalhekk huwa iktar plawżibbli li wieħed jassoċja l-figura ta' l-anġlu bħala rappreżentazzjoni ta' l-anġlu kustodju. Sfortunatament il-kult ta' l-anġlu kustodju spiċċa maż-żmien fil-parroċċa, però l-kwadru ta' San Ġużepp huwa tifkira ħajja ta' dan il-kult.

Fil-parti ta' fuq tal-kwadru jidher il-Missier Etern Imdawwar bi glorja ta' anġli. Il-Missier Etern jidher bid-dinja f'idejh; rappreżentazzjoni komuni tal-Missier Etern fis-sekli sbatax u tmintax. Il-Missier Etern jidher ibierek u jitpaxxa bid-dehra tal-familja mqaddsa.

## Konklużjoni

Nispera li b'dan l-artiklu tfajt daqsxejn iktar attenzjoni fuq il-kwadru ta' San Ġużepp fil-knisja parrokkjali ta' Ħal Għaxaq. Fil-knisja tagħna għandna ħafna opri artistiċi li sfortunatament ma tantx huma apprezzati u kkurati. Nisperaw li fil-futur naraw iktar attenzjoni fuq l-arti sagra li missirijietna għamlu b'tant sagrifiċċju li aħna nixtiequ nwasslu lil uliedna.

1 Kan. Dun Joe Abela, *It-Twaqqif tal-Fratellanza ta' San Ġużepp fi Żmien il-Bini tal-Knisja Parrokkjali*. Programm tal-Festa ta' San Ġużepp – Għaqda Mużikali San Ġużepp – Għaxaq 2003.

2 Kan. Dun Joe Abela, *It-Twaqqif tal-Fratellanza ta' San Ġużepp fi Żmien il-Bini tal-Knisja Parrokkjali*. Programm tal-Festa ta' San Ġużepp – Għaqda Mużikali San Ġużepp – Għaxaq 2003.

3 Mario Buhagiar, *The Iconography of the Maltese Islands 1400-1900*, Malta 1988.
John Azzopardi, *Francesco Zahra 1710-1773*, Malta 1986.

4 Mario Buhagiar, *The Iconography of the Maltese Islands 1400-1900*, Malta 1988.

5 Mario Buhagiar, *The Iconography of the Maltese Islands 1400-1900*, Malta 1988.

6 Kan. Dun Joe Abela, *L-Artal ta' San Ġużepp fl-Ewwel Snin tal-Knisja Parrokkjali*, Programm tal-Festa ta' San Ġużepp – Għaqda Mużikali San Ġużepp – Għaxaq 2001.

7 Kan. Dun Joe Abela, *L-Artal ta' San Ġużepp fil-Bidu tas-Seklu 18*, Programm tal-Festa ta' San Ġużepp – Għaqda Mużikali San Ġużepp – Għaxaq 2002.